MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 135/1994/1

**Joseph Bonnici**

**Vs**

**Godwin Muscat**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fis-16 ta' April 1993, waqt li l-attur kien isuq ziemel bis-serkin, f'Cospicua Road, Zejtun, huwa gie nvestit mill-konvenut li kien qed isuq karozza Citroen numru ta' registrazzjoni O-3107(M) (Dokument A);

Premess illi b'rizulta ta' l-imsemmi incident, l-attur sofra danni konsistenti f'diversi hsarat fis-serkin, harness u feriti fuq id-debba li kien qed isuq li bl-impatt harbet u dahlet f'karozza ohra numru tar-registrazzjoni C-7946;

Premess illi b'konsegwenza ta' l-istess impatt, l-attur kellu jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-proprjetarju tal-karozza l-ohra, numru C-7946, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi ghall-istess incident u danni konsegwenzjali ammontanti ghal Lm452 (erba' mija u tnejn u hamsin lira Maltija), huwa unikament responsabbli l-konvenut li saq il-vettura tieghu b'imperizja, negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

Premess illi, ghalkemm interpellat biex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti mill-attur, anke permezz ta' ittra ufficjali tas-6 ta' Jannar 1994, l-istess konvenut baqa' inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali li gara fis-16 t'April 1993 fil-5:30 p.m., f'Cospicua Road, Zejtun, u ghad-danni kollha rizultanti mill-istess incident, ammontanti komplessivament ghal Lm452 (erba' mija u tnejn u hamsin lira Maltija), kif fuq spjegat;

2. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm452 dovuta in linea ta' danni soffeti mill-istess attur, b'rizultat ta' l-istess incident kif fuq spjegat, u dana bl-interessi mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Jannar 1994;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-5 t'Awissu 1992 kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-incident li sehh fis-16 ta' April 1993 ma garax tort ta' l-eccipjent izda gara unikament tort u htija ta' l-attur li waqt li kien qed isuq ziemel bis-serkin go Cospicua Road qaleb mil-lane ta' gewwa ghal fuq il-lane ta' barra b'mod l-aktar negligenti u minghajr ma hares biex jara jekk kienx gej traffiku u b'hekk ikkaguna l-incident in kwistjoni;

2. Illi stante li dan l-incident gara unikament tort ta' l-attur, l-ebda ammont ma ghandu jigi mhallas lilu mill-eccipjent ghad-danni li huwa allegatament sofra f'dan l-incident;

3. Illi l-fatt li l-attur gja hallas lill-proprjetarju tal-karozza numru C-7949 ghad-danni li huwa sofra f'dan l-incident turi accettazzjoni ta' responsabilita ghal dan l-incident u dana kif sejjer jigi ppruvat waqt il-kawza;

4. Salve eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tal-5 ta’ Frar 1996 li permezz tieghu gie nominat Spiridione Camilleri bhala espert tekniku biex jezamina u jistabbilixxi s-serkin u l-harness taz-ziemel ta’ l-attur; kif ukoll id-digriet ta’ l-20 ta’ Gunju 1996 li permezz tieghu gie nominat Joseph Vassallo in sostituzzjoni ta’ Spiridione Camilleri, li miet fil-mori tal-kawza;

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda moghtija mill-espert tekniku Joseph Vassallo moghtija fl-udjenza tal-15 ta’ Lulju 1998;

Rat in-noti pprezentati mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

L-attur f'din l-istanza qed jippretendi li l-konvenut ghandu jwiegeb ghad-danni subiti minnu fl-incident tas-16 ta' April 1993. Huwa jikkampa din il-pretensjoni fuq certi cirkostanzi ta' fatt illi meta mehuda kollha flimkien, dejjem skond l-attur, jikkostitwixxu prova sufficcjenti tan-negligenza fis-sewqan tal-konvenut ghax juru li dan ma kienx qed izomm "*a proper lookout*" meta kien qed jaffetwa l-manuvru tas-sorpass;

Fl-osservazzjonijiet tieghu fuq il-kaz l-attur jaghmel dawn l-assunzjonijiet:-

I. Il-kontendenti huma t-tnejn miz-Zejtun;

II. Kienu juzaw l-istess tragitt ta' triq frekwentement;

III. *Ergo*, il-konvenut kien jaf bl-ostakolu tal-gebel fit-triq u kien konsapevoli wkoll mid-diffikulta biex wiehed jiskopri jekk ikunx hiereg xi hadd mill-isqaq;

IV. Jadduci wkoll b'argoment illi l-konvenut kien jaf jew messu kien jaf illi min kien qed isuq ziemel kellu diffikoltajiet akbar minn persuna b'karozza;

Bir-rispett kollu lejn dawn l-osservazzjonijiet, konsiderati ghal kollox gratuwiti, anke ghaliex ma jsibu l-ebda riskontru fil-konkret tal-provi processwali, il-Qorti mhix lesta li tammettihom bhala pruvati jew li jirrispondu ghall-verita`. Anzi fil-fehma tal-Qorti ma jidherx li l-attur wasal biex jipprova fil-konvenut il-htija pretiza minnu;

Ic-cirkostanzi emergenti mill-provi kif jirrizultaw mill-atti huwa dawn:-

i. Ghall-bidu meta xehed l-ewwel darba (fol. 18) l-attur jghid li kien qed isuq fuq ix-xellug tat-triq. Warajh kien hemm ziemel iehor. Huwa qala' daqqa ta' karozza fil-genb lemini tas-serkin;

ii. Aktar tard, in kontro-ezami jistqarr (fol, 56) li minhabba li fit-triq kien hemm xi gebel hu htieglu jigbed daqsxejn lejn in-nofs. Meta iddecieda li jaqla' 'l barra ma ghamel l-ebda sinjal lil karozza li kienet gejja minn warajh. In vista ta' din id-dikjarazzjoni, id-deposizzjoni tax-xhud Grezzju Mifsud (fol. 23) ma tistax titqies ta' l-ebda importanza ghas-soluzzjoni tal-kwestjoni. Ghajr forsi ghall-aspett singolari meta fl-agonija tal-habta huwa ittanta jigbed l-attenzjoni ta' l-attur bil-kelma "Aremm";

iii. Il-konvenut ma xehedx pero` *a tempo debito*, kif jirrizulta mill-okkorrenza (fol. 51), huwa kien stqarr mas-surgent li kkonduca l-investigazzjoni illi kif kien qed isuq fuq in-naha sewwa tat-triq u kien qed jaqbez lill-attur dan hariglu u baqa' diehel fuqu;

iv. In-natura tal-hsarat fuq is-serkin huma indikativi li d-daqqa saret fuq il-genb tas-serkin u mhux preciz fuq wara;

Issa in materja ta' danni l-attur "*e` nell' obbligo di provare un fatto od una omissione che porti insito la prova della colpa che egli imputa al convenuto medesimo; poiche` la colpa e` un' ipotesi giuridica e generica finche sta nella disposizione della legge o nei trattati di scienza giuridica, ma deve assumere una forma materiale e specifica quando si imputi ad altri come cagione di danni sofferti e risarcibili*" (**Vol. XXIV P I p 893 - 898**);

Fil-kaz *de quo* l-attur mhux biss ma pprovax din il-kolpa fil-konvenut talli mill-konfessjoni tieghu stess huwa bil-wisq car illi kienet il-manuvra nkonsulta tieghu li tat lok ghall-

iskontru u kienet in-nuqqas tad-dovuta diligenza da parte tieghu meta kien qed jaqleb ghal lemin ma tax kaz lil min kien gej minn warajh minn din in-naha tat-triq;

Dak attribwit minnu fil-konfront tal-konvenut jista' b'egwal regjonament jinghad fil-konfront tieghu.  Jekk kien jaf bil-gebel fit-triq u htieglu jevitah ghaliex ma hax prekawzjoni biex jew jieqaf jew jesplora sew it-triq qabel ma ddecieda li jinfila ruhu fil-parti leminija tat-triq.  Htieglu fuq kollox, jaghti preavviz lil min, bhal konvenut, kien gej minn warajh li hu kien ser jaghmel il-manuvra li ghamel;

Minflok ghamel dan, kif kienu hekk jiddettawlu r-regolamenti u l-prudenza, huwa ghaddas rasu, holoq ostakolu innavertit lill-konvenut u ngombralu l-passagg liberu tat-triq transitata minnu;

Fl-istat ta' fatt maghruf jista' jinghad li ghall-incident jahti l-istess attur billi principalment naqas li jaghti lill-konvenut avviz fi zmien utli li kien ser jikkonvergi ghan-naha tieghu tat-triq.  Id-danni juru din l-impronta tal-htija fl-attur.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi bl-akkoljiment ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kollha jigu sopportati minnu.

--------------------------------TMIEM--------------------------------